MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 318/2010

Kawza fil-lista: 29

**A B gja C**
**vs**
**EF D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fis-16 ta' Dicembru 1995, u f'dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet, kif ukoll li tigi awtorizzata tirregistra s-sentenza fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez;

Rat li ghalkemm il-konvenut ma pprezentax risposta huwa ddikjara "*li ma joggezzjonax ghat-talbiet attrici u wara li qara l-affidavit prezentat mill-attrici u qed jinforma l-Qorti li m'ghadu xejn x'izid*"[1];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-16 ta' Dicembru 1995 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jaqbel li z-zwieg huwa null.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-16 ta' Dicembru 1995 meta allura l-attrici kellha 21 sena u l-konvenut kellu 23 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa sitt xhur.

Minn dan iz-zwieg ma tweldux tfal.

Illi waqt iz-zwieg il-konvenut kien vjolenti fil-konfront ta' l-attrici kif ukoll kellu numru ta' relazzjonijiet extra-konjugali.

Illi l-konvenut kien ibaghati minn kundizzjoni medika, liema kundizzjoni huwa heba mill-attrici u kien biss il-mara ta' huh li zvelat dan lill-istess attrici fil-prezenza tal-konvenut. Dan l-attrici saret tafu ftit qabel iz-zwieg u hassitha li peress li kien hemm il-preparamenti ghat-tieg

[1] Vide fol. 28 tal-process.

kollha diga' lesti hija injorat il-konsegwenzi li setghet iggib maghha kundizzjoni bhal dina. Irrizulta li fil-fatt l-effetti ta' l-attakki ta' dina l-kundizzjoni kienu hafna aghar minn dak kif kien lilha deskritt.

Illi l-partijiet qatt ma tkellmu u ddiskutew il-fatturi li jidhlu f'hajja mizzewga, qatt ma tkellmu dwar tfal, valuri jew kif kienet ser tkun il-hajja mizzewga. Kienu zghar u mmaturi u m' gharfux l-importanza tal-hajja konjugali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiert l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg minghajr m'gharrfu l-import tal-hajja konjugali, bir-rizultat li kienu inkapaci jghixu flimkien f'unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni tat-tfal u t-trobbija taghhom.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-16 ta' Dicembru 1995.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------